## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 286/2022: **PULLICIN DEVELOPERS LIMITED (C40807) V. REUBEN SACCO (KI. 106988M)**

(AMMONT DOVUT – AMMISSJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**27 ta' Diċembru 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Pullicin Developers Limited ("il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2022 li permezz tiegħu talbet lil Reuben Sacco ("l-intimat") jgħid 'l għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti li iħallasha s-somma ta' erbatax-il elf tmien mija u erbgħin euro u għaxar ċenteżmu (€14,840.10) rappreżentanti in kwantu għal €14,160 minnhom fi prezz ta' *shuttering* mibjugħ u kkunsenjat lilu u li baqa' ma' tħallasx, u in kwantu għal €680.10 minnhom fi prezz ta' kiri ta' *skips*. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment mar-rikors u bl-imgħax skond il-liġi sad-data tal-effettiv pagament,

wara li rat in-nota t'ammissjoni ppreżentata mill-intimat fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili u Tribunal fis-27 ta' Diċembru 2022,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Ġimgħa biss wara li ġiet ippreżentata din il-kawża, u qabel ma' din ġiet appuntata għas-smiegħ, l-intimat ppreżentaw nota t'ammissjoni li biha ammetta t-talbiet tar-rikorrenti.

2. Din l-ammissjoni la kienet kwalifikata u lanqas magħmula b'xi kundizzjonijiet u għalhekk anke fuq l-iskorta tal-massima *confessio facta in judicio omni probatione*

*major est* it-talbiet tal-kumpanija rikorrenti jirriżultaw ġustifikati u jimmeritaw konferma.

**Deċiżjoni**

3. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u:**

    1. **Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' erbatax-il elf tmien mija u erbgħin euro u għaxar ċenteżmu (€14,840.10) rappreżentanti in kwantu għal €14,160 minnhom fi prezz ta' *shuttering* mibjugħ u kkunsenjat lilu u li baqa' ma' tħallasx, u in kwantu għal €680.10 minnhom fi prezz ta' kiri ta' *skips;***

    2. **Tikkundanna lill-intimat jħallas lir-rikorrenti dan l-ammont flimkien mal-imgħax kif mitlub,**

    3. **Fir-rigward tal-ispejjeż ta' din il-kawża u tal-mandat ippreżentat kontestwalment mar-rikors, dawn jkunu a karigu tal-intimat.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur